KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 6/5/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 5 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Kunsillier Tyrone Muscat.

Kien hemm prezenti wkoll Dr.Malcolm Borg.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku ppressjeda din il-laqgha.

Is-Sindku talab lill-membri prezenti biex minhabba mpenji ohra ta' Dr.Malcolm Borg, il-Kunsill jiddiskuti mmedjatament item 3. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3) Tenders ESF**

3.1 – Dr.Malcolm Borg beda jispjega fuq dawn il-progetti. Hu qal li l-progett At Fort ghandu budget ta' 175K, Hybrid Parks 173K filwaqt li ESF 500K.

3.2 – Is-Sindku ssuggerixxa li ssir *presentation* fuq il-progetti kollha tal-Kunsill.

3.3 – Il-Kunsillier Attard staqsa ghaliex wiehed mit-tenders tal-ESF kien hemm hlas fuqu, filwawt li l-iehor ma kienx hemm. Dr. Borg spjega li mhux it-tenders kollha kellhom hlas fuqhom.

3.4 – Wara diskussjoni, gie deciz li l-Kunsilliera jiltaqghu ma' Dr.Malcolm Borg ghal kif ser issir il- *Presentation* tal-Progetti.

3.5 - Gie deciz li l-laqgha ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju 2012 fl-4.30pm fl-ufficini tal-Kunsill Lokali u nhar il-Hadd 24 ta' Gunju 2012 filghodu ser issir il-*presentation* ghall-ghaqdiet tal-lokal fl-ufficini tal-kunsill lokali.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 4 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

1.2.1 – Re: Item 2.1 – Ittra minn Sciberras & Lia Advocates – Is-Sindku staqsa jekk ircevejniex ittra minghand is-sur Brincat. Is-Segretarju qal li s-Sur Brincat gie jkellmu u qallu li s-servizz mhux temporanju.

1.2.2 – Re: Item 2.4 – Ittra mis-Sinjura Joan Degabriele u s-Sur Furtu Caruana – Is-Sindku qal l-bandli gew maqlugha u haduhom.

**Materji Konnessi**

1.3 - Re: Item 2.1 – Triq il-Bacir – Il-Kunsillier Attard qal li hu jippretendi skuza minghand is-Sinjura Miriam Micallef, minhabba t-ton xejn sabih tal-ittra taghha.

1.3.1 – Is-Sindku qal li llum ircevejna ittra korrispondenza dwar it-toroq. Is-Segretarju qal li baghat l-ittra lil TM.

1.4 – Re: Item 2.22 – Sar qbil li jsir *follow up* dwar l-ittra mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' biex issir rampa hdejn il-Knisja ta' Lourdes ghall-access minn persuni b'dizabilita' u li ghandhom jinkitbu 2 ittri lil KNPD u lil Kunsill Lokali Floriana dwar *platform lift*.

1.5 – Re: Item 2.3 – ***Exhibition* mis-Sur Alfred Ellul Galea** – Is-Sindku xtaq jaghmel korrezzjoni ghax hu qal li l-*exhibition* tal-Formula 1, tal-Mc Laren kienet tinvolvi hafna spejjes. Hu zied jghid li gab *sponsor* tal-inbid u nxtraw xi *snacks*. Il-Kunsillier Attard staqsa minn fejn ingieb dan l-inbid. Is-Sindku qal lid an tahulu habib tieghu ghalih personali. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kemm gew nies. Is-Sindku wiegeb li attendew bejn 50 u 60 persuna.

1.6.1 – Re: Item 2.4 – **Un/loading fi Triq il-Qalb ta' Gesu** – Il-Kunsillier Axisa staqsa kif bqajna. Is-Sindku qal li s-Segretarju tal-Kunsill gie avvicinat minn TM li kienu ser jaghmluha min-naha taghhom. Il-Kunsillier Axisa staqsa kif jista' jkun li l-PQ li saret kellha risposta li din saret mill-Kunsill Lokali Paola. Hu zied jghid li din ma saritx kif suppost ghax m'hemmx tabella bil-hinijet fuqha u hu tal-opinjoni li din ghandha titnehha. Hu kompla jghid li r-residenti ghandhom problema kbira u jhossu urtat li TM tefghatha fuq il-Kunsill Lokali. Barra minhekk , il-Kunsillier Axisa qal li ghandha ssir laqgha mar-rapprezentanti tal-iskola Mater Boni Consilii biex jonqos l-inkonvenjent tal-iskola.

1.6.2 – Il-Kunsillier Attard staqsa jekk kienx hemm korrispondenza dwar dan u jekk le ghandha tinkiteb ittra lil TM li l-Kunsill Lokali Paola ma jaqbilx li din issir. Is-Segretarju qal li kien hemm korrispondenza mill-Kunsill precedent dwarha. Is-Sindku qal li l-ahjar li tintbaghat ittra lil TM u jekk ma jtuniex risposta bil-miktub din titnehha minnufih. Il-Kunsill qabel ma' dan.

1.7 – Re: Item 6.1 - Is-Sindku qal li jonqos li jingiebu xi quotations dwar ix-xiri tal-projector u li l-kunsillier Lynch ser jiehu hsieb dan.

1.8 – Re: Item 8.2 – Il-Kunsillier Axisa qal li l-Attivita' MCAST ser titmexxa ghal Dicembru 2012.

1.9 – Re: Item 9.1 – Is-Sindku qal li ghadna qed nistennew il-permess tal-Mepa dwar il-pjazza.

1.10 – Re: Item 12.1 – Is-Segretarju qal li kellem lil accountant tal-kunsill dwar dan. Is-Sindku qal li ser isir *meeting* mal-accountant dwar dan.

**<u>Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 4 tas-Sitt Legislatura</u>**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem. com.

**<u>Materji Konnessi</u>**

**<u>Item 1 – Pagamenti</u>**

Re: 1.32 – Is-Sindku qal li t-tender mhux ser tinhareg u ser ikun hemm procedura gdida biex kull ordni tal-ikel li ssir, issir b'*purchase order*. Minghajr prezentazzjoni, saret mozzjoni mill-Kunsillier Axisa dwar l-ikel tal-haddiema tas-CCF u din giet issekondata mill-Kunsillier Muscat. Il-membri prezenti kienu favur. B'hekk,il-mozzjoni ghaddiet.

Re: 1.10 – **Re cekk nru 4487 tal-AKL** – Il-Vici-Sindku qali li hu kien ikkancella minn gimgha qabel u li kien avza lill-iskrivana tal-Kunsill is-Sinjura Josephine Camilleri.

Re: 1.11 – **Re cekk nru 4488 ta' Al Hag** – Is-Sindku qal li x-xoghol fuq ir-*rubber tiles* gie ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill. Il-Vici-Sindku qal li dawn ma kinux thallsu qabel ghax kienu wehhlu l-Italja minhabba l-maltemp u wara rega' kien hemm strike u mbaghad kien lahaq tela' Kunsill gdid.

Re: 1.15 – **Re cekk nru 4526 ta' Ell's Urban Services** – Il-Vici-Sindku qal li l-Kunsill Lokali kien zamm dan il-pagament ghax ix-xoghol ta' patching kien sar hazin u mbaghad il-Kunsill Lokali kien zamm pagament minn Triq l-Arkata. Sar qbil li x-xoghol jigi ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill. Sar qbil ukoll li ta' Ell's Urban Services ser jithallas, u tal-Asfaltar ser nqabbdu lil perit biex jiccertifika x-xoghol. Il-Vici-Sindku qal li fil-legislatura ta' qabel, ~~ħu~~ il-Kunsill ħalla l-flus għal pagamenti kollha li kienu pendenti ta' dik il-legislatura kif ukoll €75,000 cash.

2) **Korrispondenza**

2.1 –MC bays fi Triq il-Wied – Is-sindku qal li rcevejna korrispondenza minn TM dwar dan. Hu qal li dawn ser jitnehhew. Il-Kunsill accetta t-talba ta' TM.

2.2 - Il-Kunsillier Muscat issuggerixxa li jinzebghu bil-kulur kannella d-dawra tat-tapiti ta' Ghajn Dwieli.

4) **Proceduri godda ghall-Kunsill Lokali Paola**

4.1 – Dan l-item ser jigi diskuss f'laqgha ohra.

5) **Pagamenti**

5.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-ammont ta' 63,312.45 euro.

5.2 – **Re cekk nru 4573 ta' Ozone ltd** – Il-Kunsillier Attard staqsa ta' min hu dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-kont huwa tat-telefon u li qabel kienu Sky u issa gew Ozone.

5.3 – Is-Segretarju qal li nqatghu l-*flights* ghal Sweden, tieghu, tal-Kunsillier Attard u ta' Dr.Malcolm Borg u li tal-Airmalta jammontaw ghal 1,500 euro u tal-Lufthansa low cost jammontaw ghal 800 euro ta' tliet persuni. Hu kompla jghid li issa nqatghu l-*flights* tal-Lufthansa u tal-Airmalta gew trasferiti ghal darb'ohra.

5.4 – Il-Kunsilliera Delezio u Muscat qalu li mhux sejrin Calcinaia. Wara diskussjoni, gie deciz li mhux ser imur hadd. Sar qbil ukoll li tintbaghat ittra, nirringrazzjawhom tal-istedina u ninfurmahom li minhabba impenji ohra hadd ma jista' jmur.

5.5 – Is-Segretarju talab lill-Kunsillieri Attard biex jiffirma l-pagamenti u dan astjena.

6) **Aggornament**

6.1 – Il-laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u Sar qbil li ser issir tkomplija tal-laqgha nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum 02/08/12

Kevin Borg

Segretarju

Roderick Spiteri

Sindku